KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.10.2004
KUMM(2004) 718 finali

2004/0251 (COD)

Proposta ta'

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ċerti aspetti tal-medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali

{SEC(2004)1314}

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. AMBITU U GĦANIJIET TAL-PROPOSTA

1.1. Għan

1.1.1. Aċċess aħjar għall-ġustizzja

Aċċess aħjar għall-ġustizzja hija waħda mill-għanijiet ewlenin tal-politika ta' l-UE biex tistabbilixxi żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fejn l-individwi u n-negozji m'għandhomx jitwaqqfu jew jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom minħabba l-inkompatibilità jew il-kumplessità tas-sistemi legali u amministrattivi fl-Istati Membri. Il-kunċett ta' aċċess għall-ġustizzja għandu, f'dan il-kuntest, jinkludi l-promozzjoni ta' aċċess għal proċessi adegwati ta' riżoluzzjoni ta' tilwim għall-individwi u n-negozji, u mhux biss aċċess għas-sistema ġudizzjarja.

Id-direttiva proposta tikkontribwixxi għal dan il-għan billi tiffaċilita l-aċċess għar-riżoluzzjoni tat-tilwim permezz ta' żewġ tipi ta' disposizzjonijiet: l-ewwel, disposizzjonijiet immirati sabiex jiżguraw relazzjoni soda bejn il-medjazzjoni u l-proċeduri ġudizzjarji, billi jistabbilixxu regoli minimi komuni fil-Komunità fuq numru ta' aspetti ewlenin tal-proċedura ċivili. It-tieni, billi jiġu provduti l-għodod meħtieġa għall-qrati ta' l-Istati Membri sabiex dawn jippromwovu b'mod attiv l-użu tal-medjazzjoni, mingħajr madanakollu ma jagħmlu l-medjazzjoni ta' bilfors bl-imposizzjoni ta' pieni speċifiċi.

Disposizzjonijiet li jolqtu l-proċess ta' medjazzjoni jew il-ħatra jew l-akkreditazzjoni tal-medjaturi ġew eskluzi mid-direttiva proposta. Wara li ġew ikkunsidrati r-reazzjonijiet għall-Green Paper ta' l-2002 u l-iżviluppi kurrenti fil-livell nazzjonali, mhux ċar li l-għażla ta' politika preferuta hija dik li tgħaddi liġi fir-rigward ta' din it-tip ta' disposizzjoni. Filwaqt li l-miżuri regolatorji dwar il-proċess ta' medjazzjoni nnifsu ġew eżklużi minn din il-proposta, il-Kummissjoni bil-kontra ppruvat tinkoraġġixxi inizjattivi ta' awtoregolazzjoni u qed tipprova tkompli tagħmel dan ukoll permezz tad-direttiva proposta.

Fil-konsultazzjonijiet dwar l-abbozz preliminari ta' din il-proposta l-maġġoranza ta' nies li wieġbu kienu favur il-metodu adottat mill-abbozz dwar il-materji koperti kif ukoll dwar il-materji eskluzi minnu. Meta mqabbla ma' l-abbozz preliminari, saru ċerti bidliet, prinċipalment ta' natura teknika, għal disposizzjonijiet speċifiċi u dawn huma mfissra aktar fis-sezzjoni 3.

1.1.2. Relazzjoni b'saħħitha bejn il-medjazzjoni u l-kawżi ċivili

Dak li nżamm għal din il-proposta huma essenzjalment materji li ma jistgħux jiġu indirizzati sew permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq. Dan jirrigwarda fl-ewwel lok ir-regoli ta' proċedura ċivili li jistgħu jkollhom effett fuq l-użu tal-medjazzjoni kif ukoll fuq l-effettività tagħha. L-interazzjoni bejn il-medjazzjoni u l-kawżi ċivili tradizzjonali tista' sseħħ f'diversi okkażjonijiet, per eżempju:

– Il-partijiet għandhom jikkunsidraw l-użu tal-medjazzjoni immedjatament wara li tinħoloq it-tilwima, bħala alternattiva għall-bidu tal-proċedimenti ċivili; jekk il-partijiet jagħżlu li jużaw il-medjazzjoni u jonqsu milli jilħqu ftehim, il-proċeduri ċivili jinbdew wara li tispiċċa l-medjazzjoni;

– Jekk jintlaħaq ftehim permezz tal-medjazzjoni, waħda mill-partijiet tista' tonqos milli tonora l-ftehim, u dan jitlob li jinbdew xorta waħda proċedimenti ċivili;

– Il-partijiet jibdew proċedimenti ċivili mill-ewwel wara li tinħoloq it-tilwima, mingħajr ma jkunu (għadhom) ikkunsidraw il-possibbiltà tal-medjazzjoni.

Fil-preżent, l-interazzjoni bejn il-medjazzjoni u l-proċedimenti ċivili toffri numru ta' elementi ta' inċertezza, minħabba n-nuqqas ta' jew id-diskrepanzi bejn il-liġijiet proċedurali nazzjonali, elementi li jidhru b'saħħa kbira f'sitwazzjonijiet li jkunu jinvolvu elementi transfruntiera. Anke jekk il-medjazzjoni tista' tkun l-aħjar metodu ta' soluzzjoni ta' tilwim f'każ partikolari, l-partijiet jistgħu għalhekk jagħżlu l-proċedimenti ċivili minħabba dawn l-inċertezzi. Qafas legali stabbli u ċert għandu jikkontribwixxi sabiex ipoġġi lill-medjazzjoni fuq l-istess livell tal-proċedimenti ġudizzjarji fejn fatturi marbuta mat-tilwima speċifika jkollhom l-akbar importanza għall-partijiet fid-deċiżjoni ta' l-għażla tal-metodu ta' riżoluzzjoni tat-tilwim. Tali qafas għandu jgħin ukoll sabiex tiġi ppreservata l-possibbiltà li l-partijiet isolvu t-tilwima tagħhom permezz tal-proċedimenti ġudizzjarji anke jekk jippruvaw il-medjazzjoni.

1.1.3. Il-promozzjoni ta' l-użu tal-medjazzjoni

Il-valur ta' żieda fl-użu tal-medjazzjoni jinsab prinċipalment fil-vantaġġi tal-mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim innifsu: metodu aktar ħafif, sempliċi u irħis ta' kif issolvi t-tilwim, li jippermetti li tiġi kkunsidrata varjetà akbar ta' interessi tal-partijiet, b'ċans akbar li jintlaħaq ftehim li jiġi rispettat volontarjament, u li jippreserva relazzjoni tajba u sostenibbli bejniethom. Il-Kummissjoni temmen illi l-medjazzjoni għandha potenzjal li għadu ma ġiex esplorat bħala metodu ta' soluzzjoni ta' tilwim u bħala mezz li jipprovdi aċċess għall-ġustizzja għall-individwi u n-negozji.

Ir-rwol tal-Komunità fil-promozzjoni diretta tal-medjazzjoni huwa madankollu bil-fors limitat u l-unika miżura konkreta għall-promozzjoni tal-medjazzjoni kontenuta fil-proposta hija l-obbligu ta' l-Istati Membri li jippermettu lill-qrati jissuġġerixxu l-medjazzjoni lill-partijiet. Relazzjoni soda bejn il-medjazzjoni u l-proċedimenti ġudizzjarji sejra madankollu tikkontribwixxi indirettament ukoll għall-promozzjoni tal-medjazzjoni.

It-tiftix ta' l-għanijiet ta' din il-proposta ma jistgħux iseħħu b'mod iżolat mingħajr ma titqies il-provvista nfisha ta' servizzi ta' medjazzjoni. Il-kwistjoni tal-kwalità tas-servizzi ta' medjazzjoni trid għalhekk tiġi indirizzata flimkien ma', u bħala funzjoni, tad-disposizzjonijiet l-oħra tad-direttiva proposta li trid taħdem b'livell xieraq ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

1.1.4. Ir-relazzjoni ma' l-organizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji ta' l-Istati Membri

Wieħed mill-benefiċċji msemmija tal-medjazzjoni huwa l-fatt illi aktar ma tintuża aktar jitnaqqas il-piż minn fuq is-sistema tal-qrati, u għalhekk jitnaqqas dak li spiss hu dewmien żejjed fil-ġestjoni tal-każijiet u possibilment jippermetti li jiġu ffrankati riżorsi pubbliċi. Peress illi d-direttiva proposta tipprova tippromwovi l-użu tal-medjazzjoni, għandha fil-fatt ikollha impatt pożittiv f'dan is-sens. Madankollu din mhix mira indipendenti, għal bosta raġunijiet. L-ewwel, l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja hija kompetenza esklussiva ta' l-Istati Membri. It-tieni, u aktar importanti, il-medjazzjoni għandha valur fiha nfisha bħala metodu ta' soluzzjoni ta' tilwim, li għandhom ikollhom aċċess għaliha ċ-ċittadini u n-negozji u li timmerita li tiġi promossa indipendentement mill-fatt illi kapaċi tħaffef il-piż fuq is-sistema tal-qrati. Il-Kummissjoni ma tarax il-medjazzjoni bħala alternattiva għall-proċedimenti fil-qrati; hija pjuttost waħda minn bosta metodi ta' soluzzjoni ta' tilwim disponibilità fis-soċjetà moderna u li tista' tkun aktar idonea għal ċerti, iżda ċertament mhux kull, tilwim. Aktar minn hekk, għandu jiġi enfasizzat illi d-disponibbiltà ta' l-ADRs inġenerali ma tista' bl-ebda mod tnaqqas mill-obbligu ta' l-Istati Membri li jżommu sistema legali effettiva u ekwa li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li hija waħda mill-pilastri ċentrali ta' soċjetà demokratika.

1.1.5. Eżami ta' impatt

Sar eżami preliminarju ta' impatt ta' din il-proposta fil-kuntest ta' l-istrateġija annwali tal-politika tal-Kummissjoni għall-2004. Din il-proposta ma ntgħażlitx għal eżami estiż ta' impatt. Id-direttiva proposta hija indirizzata sabiex iżżid l-użu tal-medjazzjoni fl-UE, li ser ikollha effetti ekonomiċi ta' benefiċċju billi tnaqqas l-ispejjeż tat-transazzjonijiet għall-individwi u n-negozji, permezz ta' soluzzjoni tat-tilwim aktar ħafif u effiċjenti f'termini ta' spejjeż. Il-Medjazzjoni tista' tikkontribwixxi wkoll għal xejriet ekonomiċi u soċjali aktar sostenibbli billi tippreserva r-relazzjoni bejn il-partijiet wara li tkun ġiet solvuta tilwima, kontra l-isfrattu li toħloq is-soluzzjoni ta' tilwima permezz tas-sistema ta' l-aġġudikazzjoni. Il-proċess ta' konsultazzjoni u l-passi preparatorji l-oħrajn huma deskritti fl-anness. F'termini ta' għażliet alternattivi ta' politika d-direttiva proposta fiha prinċipalment regoli dwar il-proċedura ċivili, u r-riżultati ma jistgħux jinkisbu bl-użu ta' strument ieħor ta' politika.

1.2. Bażi legali

L-għan u l-kontenut tad-direttiva proposta jaqgħu perfettament fl-ambitu ta' l-Artikolu 65 TEC peress illi jikkonċernaw ir-regoli ta' proċedura ċivili, fejn il-provvista ta' kwalità u taħriġ fl-Artikolu 4 hija anċillari mad-disposizzjonijiet l-oħrajn. Id-direttiva proposta hija meħtieġa għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess għall-mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' tilwim għall-individwi u n-negozji li jeżerċitaw l-erba' libertajiet u minħabba l-ħtieġa li niżguraw il-libertà li nipprovdu u nirċievu s-servizzi ta' medjazzjoni.

Kif ġie enfasizzat fid-deskrizzjoni ta' l-għanijiet tal-proposta, l-ħtieġa għal azzjoni tal-Komunità f'dan il-qasam toħroġ mill-ħtieġa li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali tul it-tilwima kollha irrispettivament mill-elementi transfruntiera fi stadju jew ieħor.

Sabiex tiżgura qafas legali koerenti huwa għaldaqstant meħtieġ illi wieħed jindirizza aspetti ewlenin tal-katina sħiħa ta' avvenimenti possibbli li jistgħu jseħħu wara li tinħoloq tilwima, wara li tittieħed kunsiderazzjoni ta' kull tip ta' xenarju possibbli (suċċess/falliment tal-medjazzjoni, ftehim segwit miż-żewġ partijiet jew le, eċċ).

Fil-kuntest ta' l-ADR l-impatt ta' l-elementi transfruntiera huwa potenzjalment akbar meta wieħed iqis il-miżuri marbuta mal-proċedimenti ċivili waħedhom, peress illi huwa bżonnjuż li wieħed jikkunsidra l-fatturi rilevanti waqt il-medjazzjoni kif ukoll waqt xi proċedimenti ċivili sussegwenti, inkluż il-possibbiltà li dawn il-fatturi jistgħu sadattant jinbidlu. Per eżempju, elementi transfruntiera jistgħu jkunu ġejjin mid-domiċilju jew il-post ta' negozju ta' parti jew taż-żewġ partijiet, il-post tal-medjazzjoni, jew il-post tal-qorti kompetenti. Il-ftehim biex issir il-medjazzjoni jista' fih innifsu jkun regolat minn liġi differenti minn dik li tirregola r-relazzjoni legali jew kuntrattwali oriġinali bejn il-partijiet, u kull ftehim li jista' jirriżulta jista' jkun regolat mil-liġi ta' pajjiż terz ieħor. Il-ftehim jista' mbagħad jkollu jiġi inforzat fi Stat Membru ieħor, skond, per eżempju, il-post fejn ikunu jinsabu l-assi tad-debitur meta jsir l-inforzar.

Madankollu, ma jaqbilx illi l-ambitu tal-proposta jiġi ristrett b'tali mod illi l-uniku skop tagħha tkun it-tneħħija ta' l-ostakoli li jirriżultaw mill-elementi transfruntiera jew it-tħaffif tas-soluzzjoni ta' dawk it-tilwimiet illi jkollhom element transfruntier, imfisser kif imfisser.

Fl-analiżi dwar jekk għandhiex tintuża l-medjazzjoni bħala metodu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim għal tilwima partikolari, l-elementi transfruntiera huma biss waħda mid-diversi ċirkostanzi li jridu jittieħdu jkunu kkunsidrati. Ċirkostanzi oħrajn jinkludu t-tip ta' tilwima u l-merti tal-każ kif ukoll fatturi marbuta ma' l-ispejjeż, id-dewmien u l-prospetti ta' suċċess. Il-promozzjoni tal-medjazzjoni fir-rigward ta' dawk it-tilwimiet li fihom element transfruntier biss tkun għaldaqstant arbitrarja u toħloq ir-riskju ta' effetti diskriminatorji, peress illi l-qrati jibdew jissuġġerixxu medjazzjoni lil xi partijiet biss skond il-post ta' residenza tagħhom. Restrizzjoni ta' dan it-tip ser tfisser mingħajr l-ebda dubju tnaqqis sostanzjali fl-impatt prattiku tad-direttiva proposta wkoll. Li tirrendi l-applikabilità tar-regoli ta' proċedura ċivili li jinsabu fid-direttiva proposta suġġetti għall-preżenza ta' elementi transfruntiera probabilment iwassal għal żieda fl-inċertezza legali. Tali restrizzjoni fl-ambitu tista' wkoll minnaħa l-oħra tħalli l-applikabilità tad-direttiva f'idejn il-partijiet, li jistgħu jintroduċu elementi transfruntiera bl-għażla tagħhom tal-medjatur jew tal-qorti għat-tilwima sabiex jibbenefikaw mir-regoli stipulati mid-direttiva.

Id-direttiva proposta ser tifforma parti importanti mill-qafas legali għas-servizzi ta' medjazzjoni fil-Komunità, f'dak li għandu x'jaqsam mal-libertà li tipprovdi servizzi fi Stat Membru ieħor kif ukoll il-libertà li tirċievi servizzi. Limitazzjoni fl-ambitu għas-sitwazzjonijiet transfruntiera twassal għall-ħolqien ta' żewġ reġimi legali paralleli, possibilment anke standards differenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-provvista u r-riċeviment ta' servizzi ta' medjazzjoni, b'riskju ta' diskriminazzjoni għall-utenti kif ukoll għal min jipprovdi servizzi ta' medjazzjoni. Tali effetti huma kontra l-prinċipji tas-suq intern kif ukoll l-isforzi tal-Komunità sabiex tissimplifika l-qafas regolatorju għall-individwi u n-negozji.

Bħala konklużjoni l-Kummissjoni tqis illi l-introduzzjoni ta' kondizzjoni espliċita dwar l-implikazzjonijiet transfruntiera ġġib fix-xejn l-għanijiet tad-direttiva proposta

u tkun kontroproduċenti għat-tħaddim kif suppost tas-suq intern. Id-direttiva trid għaldaqstant tapplika għas-sitwazzjonijiet kollha irrispettivament mill-preżenza ta' elementi transfruntiera tul il-medjazzjoni jew tul il-proċedimenti ġudizzjarji.

1.3. Sussidjarjetà u proporzjonalità

Minħabba l-ħtieġa ta' ċertezza u prevedibbiltà legali f'sitwazzjonijiet li jinvolvu r-relazzjoni bejn il-medjazzjoni u l-proċedimenti ċivili f'sitwazzjonijiet b'element transfruntier u l-ħtieġa li jiġi żgurat illi s-suq intern tal-provvista u l-użu tal-medjazzjoni jaħdem kif suppost, l-għanijiet ta' din il-proposta ma jistgħux jiġu sodisfatti biżżejjed mill-Istati Membri. Miżuri fil-livell tal-Komunità ser ikunu aktar effettivi meta imqabbla ma' l-inizjattivi li jieħu kull Stat Membru, minħabba raġunijiet ta' koerenza u raġunijiet ta' provvista ta' ċerti regoli bażiċi uniformi applikabbli f'sitwazzjonijiet transfruntiera kif ukoll f'każijiet domestiċi.

Id-disposizzjonijiet tal-proposta huma limitati strettament għal dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Ġiet magħżula direttiva bħala l-aktar strument xieraq peress illi d-disposizzjonijiet huma ntiżi li jiksbu ċerti miri speċifiċi filwaqt li jħallu l-mod kif dawn il-miri jintlaħqu fid-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri. Il-proposta hija wkoll limitata għal dawk il-materji li jistgħu jissolvew biss permezz ta' leġislazzjoni filwaqt illi fuq in-naħa l-oħra materji fejn jista' jkun hemm soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq ġew eskluži mill-ambitu.

2. SFOND TAL-PROPOSTA, KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI, U KUMMENTI DWAR ID-DISPOSIZZJONIJIET EWLENIN

Id-dokument ta' ħidma ta' l-istaff anness ma' din il-proposta jagħti aktar informazzjoni dwar dan.

2004/0251 (COD)

Proposta ta'

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ċerti aspetti tal-medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 61(c), u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 67(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew[2],

Skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[3],

Billi:

(1) Il-Komunità stabbiliet għaliha nfisha l-mira li żżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li fiha jiġi żgurat il-moviment ħieles tal-persuni. Għal dan il-għan, il-Komunità ser tadotta, fost affarijiet oħra, miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li huma meħtieġa għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern.

(2) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 sejjaħ , fir-rigward ta' aċċess aħjar għall-ġustizzja fl-Ewropa, għal proċeduri alternattivi, extra-ġudizzjarji li jridu jinħolqu mill-Istati Membri.

(3) Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar metodi alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim skond il-liġi ċivili u kummerċjali fl-2000, fejn intqal illi l-istipular ta' prinċipji bażiċi f'dan il-qasam huwa pass essenzjali li jippermetti l-iżvilupp xieraq u t-tħaddim tal-proċeduri extra-ġudizzjarji għas-soluzzjoni ta' tilwim f'materji ċivili u kummerċjali sabiex jiġi simplifikat u mtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja.

(4) Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Green Paper fl-2002, li fiha evalwat is-sitwazzjoni eżistenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ADRs fl-Ewropa u bdiet konsultazzjonijiet estensivi ma' l-Istati Membri u l-partijiet interessati dwar miżuri possibbli għall-promozzjoni ta' l-użu tal-medjazzjoni.

---

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .
3 ĠU C , , p. .

(5) L-għan li jiġi żgurat aċċess aħjar għall-ġustizzja, bħala parti mill-politika ta' l-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għandu jinkludi l-aċċess kemm għal metodi ġudizzjarji kif ukoll għal dawk extra-ġudizzjarji ta' soluzzjoni ta' tilwim. Din id-direttiva għandha tikkontribwixxi għat-tħaddim kif suppost tas-suq intern, b'mod partikolari f'dak illi għandu x'jaqsam mal-provvista u l-użu tas-servizzi ta' medjazzjoni.

(6) Il-medjazzjoni tista' tipprovdi soluzzjoni extra-ġudizzjarja rħisa u malajr tat-tilwim f'materji ċivili u kummerċjali permezz ta' proċessi mfassla eżattament fuq il-ħtiġijiet tal-partijiet. Ftehim li jintlaħaq f'medjazzjoni huwa aktar probbabli li jiġi nfurzat volontarjament u għandu potenzjal akbar illi jippreserva relazzjoni ta' ħbiberija u sostenibbli bejn il-partijiet. Dawn il-benefiċċji huma aktar evidenti f'sitwazzjonijiet li fihom elementi transfruntiera.

(7) Għalhekk hija meħtieġa liġi kwadru, li tindirizza l-aspetti ewlenin tal-proċedura ċivili b'mod partikolari, sabiex tippromwovi l-użu ulterjuri tal-medjazzjoni u sabiex tiżgura illi l-partijiet li jużaw il-medjazzjoni jkunu jistgħu jserrħu fuq qafas legali prevedibbli.

(8) Din id-direttiva għandha tkopri l-proċessi fejn tnejn jew aktar partijiet f'tilwima huma assistiti minn medjatur sabiex jilħqu ftehim bejniethom dwar is-soluzzjoni tat-tilwima, iżda teskludi l-proċessi ta' għamla ġudikatorja bħall-arbitraġġ, l-iskemi ta' l-ombudsmen, l-iskemi ta' l-ilmenti tal-konsumaturi, d-deċiżjoni ta' l-esperti jew il-proċessi amministrati minn korpi li joħorġu rakkomandazzjoni formali, kemm jekk tkun legalment vinkolanti jew le, dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwima.

(9) Huwa meħtieġ minimu ta' kompatibilità tar-regoli tal-proċedura ċivili f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-effett tal-medjazzjoni fuq il-preskrizzjoni u kif il-kunfidenzjalità tal-medjatur ser tiġi protetta fl-eventwali proċedimenti ġudizzjarji sussegwenti. Il-possibbiltà li l-qorti tirreferi lill-partijiet għall-medjazzjoni għandha tiġi koperta wkoll filwaqt illi għandu jinżamm il-prinċipju li l-medjazzjoni hija proċess volontarju.

(10) Il-medjazzjoni m'għandhiex tiġi meqjusa bħala l-alternattiva l-fqira tal-proċedimenti ġudizzjarji fis-sens illi l-ftehim ta' soluzzjoni jkun jiddependi mill-bona fede tal-partijiet biex jiġi inforzat. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi żgurat illi l-Istati Membri kollha jipprovdu għal proċedura li permezz tagħha ftehim ta' soluzzjoni jkun jista' jiġi konfermat f'sentenza, deċiżjoni jew strument awtentiku minn qorti jew awtorità pubblika.

(11) Tali possibbiltà tippermetti li ftehim ta' soluzzjoni jkun rikonoxxut u inforzat madwar l-Unjoni, taħt il-kondizzjonijiet stipulati mill-istrumenti tal-Komunità dwar ir-rikonoxximent reċiproku u l-inforzar tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet.

(12) Sabiex tiżgura l-fiduċja meħtieġa bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kunfidenzjalità, is-sospensjoni tal-preskrizzjoni, u r-rikonoxximent u l-inforzar tal-ftehim ta' soluzzjoni, iridu jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi ta' kontroll fuq il-kwalità fil-konfront tal-provvista ta' servizzi ta' medjazzjoni u taħriġ tal-medjaturi.

(13) Dawn il-mekkaniżmi u l-miżuri, li għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri u li jistgħu jinkludu l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq, għandhom ikollhom l-iskop

li jippreservaw il-flessibbiltà tal-proċess tal-medjazzjoni u l-awtonomija tal-partijiet. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi miżuri ta' regolazzjoni propja fil-livell tal-Komunità permezz, per eżempju, ta' l-iżvilupp ta' kodiċi Ewropew ta' kondotta li jindirizza l-aspetti ewlenin tal-proċess ta' medjazzjoni.

(14) Fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-Kummissjoni adottat fl-2001 rakkomandazzjoni formali[4] li tistabbilixxi kriterji minimi ta' kwalità li għandhom jiġu offruti mill-korpi involuti fis-soluzzjoni konsenswali ta' tilwim li jinvolvi konsumaturi. Ikun tajjeb jekk kull medjatur jew organizzazzjoni milquta mir-rakkomandazzjoni jirrispetta l-prinċipji tagħha. Sabiex tiżgura d-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar dawn il-korpi, il-Kummissjoni qed tibni database ta' skemi ta' barra l-qorti li l-Istati Membri jqisu li jirrispettaw il-prinċipji tar-rakkomandazzjoni.

(15) Din id-direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fudamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, hija tipprova tiżgura rispett sħiħ għad-dritt ta' smigħ xieraq kif rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta.

(16) Peress illi l-għanijiet ta' din id-direttiva ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri u għaldaqstant, minħabba l-iskala ta' l-effetti ta' l-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

(17) [Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. / Skond l-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jieħdux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, li għaldaqstant ma torbotx lil dawk l-Istati Membri.]

(18) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u għaldaqstant mhix marbuta jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1 – Għan u ambitu

1. L-għan ta' din id-direttiva huwa li tiffaċilita l-aċċess għas-soluzzjoni tat-tilwim permezz tal-promozzjoni ta' l-użu tal-medjazzjoni u billi tiżgura relazzjoni b'saħħitha bejn il-medjazzjoni u l-proċedimenti ġudizzjarji.

2. Din id-direttiva għandha tapplika f'materji ċivili u kummerċjali.

---

[4] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 t'April 2001 dwar il-prinċipji għal korpi barra mill-qorti fis-soluzzjoni konsenswali ta' tilwim li jinvolvi konsumaturi (ĠU L 109, 19.4.2001, p. 56).

3. F'din id-direttiva, "Stati Membri" għandha tfisser l-Istati Membri ħlief id-Danimarka.

Artikolu 2 - Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Medjazzjoni" tfisser kull proċess, imsemmi kif imsemmi, fejn tnejn jew aktar partijiet f'tilwima jkunu assistiti minn terz sabiex jilħqu ftehim dwar is-soluzzjoni tat-tilwima, u irrispettivament minn jekk il-proċess jinbediex mill-partijiet, jiġix suġġerit jew ordnat minn qorti jew preskritt mil-liġi nazzjonali ta' Stat Membru.

M'għandhiex tinkludi tentattivi magħmula mill-imħallef sabiex iwassal għal ftehim bejn il-partijiet tul il-proċedimenti ġudizzjarji dwar dik it-tilwima.

(b) "Medjatur" tfisser kull terz illi jmexxi medjazzjoni, tkun xi tkun id-denominazzjoni jew il-professjoni ta' dak it-terz fl-Istat Membru konċernat u irrispettivament minn jekk dak it-terz ikunx ġie nominat jew inkella mitlub imexxi l-medjazzjoni.

Artikolu 3 – Referenza għall-medjazzjoni

1. Qorti li jkollha quddiemha azzjoni tista', meta jkun xieraq u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tistieden lill-partijiet jużaw il-medjazzjoni biex isolvu t-tilwima. Il-qorti tista' fi kwalunkwe każ titlob lill-partijiet jattendu seduta nformali dwar l-użu tal-medjazzjoni.

2. Din id-direttiva ma tippreġudikax liġi nazzjonali li tirrendi obbligatorju l-użu tal-medjazzjoni jew li tipprovdi għal inċentivi jew sanzjonijiet fuq l-użu tal-medjazzjoni, kemm qabel jew wara li jkunu nbdew il-proċedimenti ġudizzjarji, dejjem jekk tali liġi ma tkunx timpedixxi fuq id-dritt ta' aċċess għas-sistema ġudizzjara, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn waħda mill-partijiet tkun residenti fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat tal-qorti.

Artikolu 4 - L-Assigurazzjoni tal-kwalità tal-medjazzjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu u jinkoraġġixu l-iżvilupp ta' u l-aderenza mal-kodiċijiet volontarji tal-kondotta min-naħa tal-medjaturi u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni, fil-livell tal-Komunità kif ukoll fil-livell nazzjonali, u anke mekkaniżmi effettivi ta' kontroll fuq il-kwalità li jikkonċernaw il-provvista ta' servizzi ta' medjazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jippromwovu u jinkoraġġixxu t-taħriġ tal-medjaturi sabiex jippermettu lill-partijiet f'tilwima jagħżlu l-medjatur li ser ikun kapaċi jmexxi b'mod effettiv medjazzjoni kif mistenni mill-partijiet.

Artikolu 5 – Infurzar tal-ftehim ta' soluzzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, fuq talba tal-partijiet, ftehim ta' soluzzjoni li jkun intlaħaq bħala riżultat ta' medjazzjoni jkun jista' jiġi kkonfermat f'sentenza, deċiżjoni, strument awtentiku jew fi kwalunkwe forma oħra minn qorti jew awtorità pubblika li jirrendi l-ftehim inforzabbli bl-istess mod daqs li kieku kien sentenza taħt il-liġi nazzjonali dejjem jekk il-ftehim ma jkunx kontra l-liġi Ewropea jew il-liġi nazzjonali fl-Istat Membru fejn issir it-talba.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-qrati jew l-awtoritajiet pubbliċi li huma kompetenti biex jirċievu talba skond il-paragrafu 1.

Artikolu 6 – Ammissibilità ta' provi fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili.

1. Il-medjaturi, kif ukoll kull persuna involuta fl-amministrazzjoni ta' servizzi ta' medjazzjoni, m'għandhiex fi proċedimenti ċivili tixhed jew tforni provi dwar kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) Stedina ta' parti sabiex tinbeda l-medjazzjoni jew il-fatt illi parti waħda riedet tieħu sehem fil-medjazzjoni;

(b) Opinjonijiet espressi jew suġġerimenti magħmula mill-partijiet tul il-medjazzjoni fir-rigward ta' soluzzjoni possibbli tat-tilwima;

(c) Dikjarazzjonijiet jew ammissjonijiet magħmula minn parti tul il-medjazzjoni;

(d) Proposti magħmula mill-medjatur;

(e) Il-fatt illi parti waħda kienet indikat il-volontà tagħha li taċċetta proposta ta' ftehim magħmula mill-medjatur;

(f) Dokument ippreparat unikament għall-finijiet tal-medjazzjoni.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika irrispettivament mill-forma ta' l-informazzjoni jew provi msemmija fih.

3. Il-kxif ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhiex tiġi ordnata minn qorti jew awtorità ġudizzjarja oħra fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u, jekk tali informazzjoni tiġi offruta bħala prova bi ksur tal-paragrafu 1, tali evidenza għandha tiġi meqjusa bħala inammissibbli. Madanakollu, tali informazzjoni tista' tinkixef jew tiġi ammessa bħala prova:

(a) sakemm din tkun meħtieġa għal finijiet ta' implimentazzjoni jew inforzar ta' ftehim ta' soluzzjoni milħuq bħala riżultat dirett tal-medjazzjoni,

(b) għal kunsiderazzjonijiet superjuri ta' ordni pubbliku, b'mod partikolari meta din tkun meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-minuri, jew biex tiġi evitata l-ħsara għall-integrità fiżika jew psikoloġika ta' persuna, jew

(c) jekk il-medjatur u l-partijiet jaqblu hekk.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk il-proċedimenti ġudizzjarji humiex marbuta mat-tilwima li hija jew kienet is-suġġett tal-medjazzjoni.

5. Suġġett għall-paragrafu 1, il-provi li jkunu altrimenti ammissibbli fi proċedimenti ġudizzjarji ma jsirux inammissibbli għaliex ikunu ntużaw f'medjazzjoni.

Artikolu 7 – Sospensjoni tal-preskrizzjoni

1. Id-dekorrenza ta' kull perijodu ta' preskrizzjoni jew limitazzjoni dwar il-pretensjoni li hija s-suġġett tal-medjazzjoni għandha tiġi sospiża minn meta, wara li tinħoloq it-tilwima:

   (a) il-partijiet jaqblu li għandhom jużaw il-medjazzjoni,

   (b) l-użu tal-medjazzjoni jiġi ordnat minn qorti, jew

   (c) ikun jeżisti obbligu li tintuża l-medjazzjoni skond il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru.

2. Fejn il-medjazzjoni tispiċċa mingħajr ftehim ta' soluzzjoni, il-perijodu jerġa' jibda jiddekorri minn meta tispiċċa l-medjazzjoni mingħajr ftehim, sa mid-data meta waħda jew iz-żewġ partijiet jew il-medjatur jiddikjara li l-medjazzjoni spiċċat jew effettivament jirtira minnha. Il-perijodu għandu fi kwalunkwe każ jiġi estiż b'mill-anqas xahar mid-data meta jerġa' jibda jiddekorri, ħlief meta jkun jikkonċerna perijodu li fih trid titressaq azzjoni sabiex tevita li miżura provviżorja jew simili ma jibqax ikollha effett jew tiġi mħassra.

Artikolu 8 – Disposizzjonijiet ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tippubblika informazzjoni dwar il-qrati kompetenti u l-awtoritajiet komunikati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 5(2).

Artikolu 9 - Trasposizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill- 1 ta' Settembru 2007. Huma għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni bihom.

2. Meta Stati Membri jadottaw dawk id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza simili fil-mument tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

Artikolu 10 – Dħul fis-seħħ

Dan ir-regolament se jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li tkun ġiet ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 11 - Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*